6 ta' April, 1957

Imħallef:—

Onor.Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Giuseppe Muscat *versus* Dr. Stephen Borg Cardona LL.D.

## "Litis Pendentia" — Qorti tal-Ġustizzja — Board tal-Kera — Art. 795 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

*Ikun hemm "litis pendentia" meta titressaħ kawża quddiem Qorti kompetenti wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem Qorti kompetenti oħra. U allura l-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-Qorti l-oħra.*

*Indipendentement minn kull kwistjoni fuq kompetenza u fuq l-identità tal-oġġett, il-"litis pendentia" tippresupponi bil-liġi stess illi tant l-ewwel organu ġudizzjarju adit kemm l-ieħor ikunu "Qorti" skond ma din l-espressjoni timporta taħt il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-Board tal-Kera mhuwiex wieħed mit-tribunali msemmija f'dak il-Kodiċi; u għalhekk mhix sostenibbli l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia" meta din tingħata quddiem Qorti Superjuri fuq il-motiv li ġa hemm kawża fuq l-istess oġġett quddiem il-Board tal-Kera.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, premess li l-konvenut, bi skrittura tal-10 ta' Lulju 1953, kera minn għand l-attur l-appartament nru. 5 fil-korp ta' bini nru. 61 Britannia Street, Valletta, għal erbgħa snin li kellhom jibdew jiddekorru mill-15 ta' Lulju 1953, bil-kera ta' £72 fis-sena li jitħallas kull tliet xhur bil-quddiem (dok. A); u premess li fl-istess skrittura ġie espressament miftiehem li l-fond in kwistjoni kellu jservi ta' uffiċċju; u premess li l-konvenut qiegħed jagħmel użu divers mill-istess fond, għaliex qiegħed jużah esklużivament għall-abitazzjoni tiegħu (dok. B), u għalhekk inkorra fis-sanzjonijiet tal-art. 1644 (1) tal-Kodiċi Ċivili; talab li tiġi minn din il-Qorti riżoluta u maħlula l-lokazzjoni fuq imsemmija, u li l-konvenut ikun kundannat jiżgombra mill-imsemmi fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenut oppona preliminarment il-"litis pendentia", fuq il-motiv li quddiem il-Board li Jirregola l-Kera teżisti kawża għar-riduzzjoni tal-kera, illi fiha hemm involuta l-kwistjoni jekk l-eċċipjenti kriex id-dar in kwistjoni għall-abitazzjoni inkella għal uffiċċju; u subordinatament illi d-domandi tal-attur huma infondati, għaliex l-eċċipjent kera d-dar għall-abitazzjoni tiegħu, u mhux bħala uffiċċju, u l-attur kien jaf b'dan;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia";

Illi b'ċitazzjoni tal-5 ta' Novembru 1956 l-attur qiegħed jitlob ir-riżoluzzjoni tal-lokazzjoni tal-appartament nru. 5, 61 Britannia Street, Valletta, fuq il-motiv illi, mentri l-fond

ġie mikri bħala uffiċċju, il-konvenut qiegħed jużah għall-abitazzjoni;

Illi fl-20 ta' Settembru 1956 il-konvenut irrikorra quddiem il-Board li Jirregola l-Kera għall-fissazzjoni tal-kera xieraq tal-istess fond, u r-rikors tiegħu għadu pendenti, għalkemm in vista ta' dil-kawża qiegħed ikun differit;

Illi l-konvenut issottometta illi, peress li fiż-żewġ kawżi hemm involuta l-kwistjoni jekk il-fond ġiex mikri għall-abitazzjoni jew bħala uffiċċju, jista jkun hemm konflitt ta' deċiżjonijiet fuq dan il-pont;

Ikkunsidrat;

Illi, indipendentement minn kull kwistjoni fuq kompe-ikun hemm il-"litis pendentia" meta titressaq kawża quddiem Qorti kompetenti wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem Qorti kompetenti oħra. F'dan il-każ, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibguta lil dik il-Qorti l-oħra;

Illi, indipendenaement minn kull kwistjoni fuq kompetenza u fuq l-identità tal-oġġett, il-"litis pendentia" tippresupponi bil-liġi stess illi tant l-ewwel organu ġudizzjarju adit kemm l-ieħor ikunu "Qorti", skond ma din l-espressjoni timporta taħt il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Ta' min jinnota li l-liġi ma tużax l-espressjoni "Awtorità Ġudizzjarja", kif kien jagħmel il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Taljan tal-1865 fl-art. 104;

Illi l-Qrati tal-Ġustizzja rivestiti b'ġurisdizzjoni ċivili għal dawn il-Gżejjer huma biss dawk tassativament indikati fl-art. 2, 3 u 4 tal-istess Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u l-Board li Jirregola l-Kera mhuwiex wieħed minn dawk it-tribunali. Is-setgħat mogħtija lill-Board bis-saħħa tal-art. 13 tal-Ordinanza XVI tal-1944, kombinat mal-art. 21 tal-Kap. 109, huma setgħat proċedurali, u dawk

l-artikoli ma ddisturbawx l-organizzazzjoni tat-tribunali kif stabbilita bl-imsemmija artikoli 2, 3 u 4 tal-Kodiċi, u ma għamlux lill-Board qorti. Il-kriterju tal-prevenzjoni stabbilit fl-art. 795 tal-Kodiċi tal-Proċedura hu applikabbli bejn Qorti u Qorti, u mhux bejn Qorti u l-Board. Fil-kawża "Galea vs. Gatt" (Kollez. Vol. XXVIII, P. I, p. 85) ġie stabbilit illi, għall-finijiet tal-"litis pendentia", il-Ġunta għar-Regolament tal-Kera "non è un tribunale";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż; u tiddifferixxi l-kawża għall-4 ta' Mejju 1957, biex titkompla fil-meritu.